MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-11 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1926/1996/1

**S & R (ĦANDAQ) LIMITED**

**vs**

**SEA MALTA LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-5 ta' Ġunju, 1996, li bih il-kumpannija attriċi ippremettiet:

Illi s-soċjeta' attriċi fis-6 ta' Marzu 1996 kellha tesporta lejn Sqallija truck SRH005 numru F-5613 mgħobbi b'merkanzija fuq l-M.V. Żebbuġ proprjeta' tas-soċjeta' konvenuta;

Illi l-imsemmi truck ġie stivat mill-impjegati tas-soċjeta' konvenuta fuq il-lift tal-bastiment sabiex jitgħabba "on deck";

Illi l-imsemmi truck ġie stivat ħażin u hu u tiela’ fuq il-lift ġarrab ħsarat konsiderevoli fuq il-kaxxa tiegħu;

Illi għalkemm interpellata biex tħallas id-danni sofferti s-soċjeta’ konvenuta baqgħet inadempjenti;

Għalhekk is-soċjeta’ attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex:

1. Tiddikjara lis-soċjeta’ konvenuta responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjeta’ attriċi;

2. Tillikwida l-istess danni;

3. Tikkundanna lis-soċjeta’ konvenuta tħallas lis-soċjeta’ attriċi d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tad-29 t’April 1996 u tal-ittra uffiċjali ta’ April 1996 kontra s-soċjeta’ konvenuta li tibqa’ nġunta għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija attrriċi;

Rat in-Nota mressqa fl-4 ta’ Frar, 1997, li biha l-kumpannija mħarrka eċċepiet:

Illi fl-ewwel lok meta saret il-ħsara s-soċjeta’ konvenuta kienet għada ma assumitx responsabbilita’ u ma ħaditx il-konsenja tat-truck in kwisjtoni;

Illi fit-tieni lok is-soċjeta’ konvenuta bl-ebda mod ma kkawżat danni minħabba xi negliġenza jew imperiżja tagħha jew ta’ xi impjegati tagħha;

Illi fit-tielet lok in-nuqqas ta’ responsabilita’ tas-soċjeta’ konvenuta in vista tal-Clause Paramount u u tal-klawsola 5 tal-Polza;

Illi fir-raba’ lok l-attur ma aġġixxiex fit-termini preskritti mill-klawsola 7 tal-Polza tal-Karigu;

Fl-aħħar lok il-limitazzjoni ta' responsabbilita' skond l-istess polza;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija mħarrka, flimkien mat-tmien (8) dokumenti mehmużin magħha;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-19 ta' Frar, 1998[1], li bih laqgħet talba tal-kumpannija attriċi imressqa b'rikors tagħha tat-18 ta' Frar, 1998, sabiex, flimkien ma' din, tisma' kawża oħra (Ċitazz. Nru. 2844/96) li l-mertu tagħha u l-provi mressqin fiha huma l-istess li japplikaw għal din il-kawża;

Rat is-Sentenza *in parte* mogħtija fid-9 ta' Frar, 2000, fl-atti tal-kawża fl-ismijiet "*S & R (Ħandaq) Limited vs R. Von Brockdorff Insurance Agency Limited noe*" (Ċitazz. Nru. 2844/96AJM) li biha u għar-raġunijiet hemmhekk miġjuba ċaħdet it-talba tal-kumpannija attriċi f'dik il-kawża[2];

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-23 ta' Novembru, 2001[3], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqin mill-partijiet;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-15 ta' Lulju, 2002[4], li bih ordnat lill-kumpannija mħarrka tressaq kopja sħiħa awtentikata tal-polza ta' kariku relattiva għall-ftehim tal-ġarr tat-trakk in kwestjoni;

Rat illi sallum il-kumpannija mħarrka naqset li tressaq il-kopja tal-polza kif minnha ordnat, imma waqt it-trattazzjoni tal-għeluq fis-smigħ tal-20 ta' Mejju, 2003, ressqet minflok silta minn pubblikazzjoni dwar il-ġarr tal-merkanzija;

---

[1] Paġ. 34 tal-proċess
[2] Minn dik is-sentenza tressaq appell li nghatat sentenza dwaru fis-27 ta' Ġunju, 2003, li ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel grad
[3] Paġ. 76 tal-proċess
[4] Paġ. 86 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tal-20 ta' Mejju, 2003, u tal-25 ta' Settembru, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal dikjarazzjoni ta' responsabbilta' għall-ħsara mġarrba u għall-kundanna għall-ħlasa ta' danni. Il-kumpannija attriċi, sid ta' trakk mgħobbi b'merkanzija maħsuba li tintbagħat barra minn Malta, tgħid li waqt li t-trakk tagħha kien qiegħed jitgħabba fuq bastiment tal-linja tal-kumpannija mħarrka, dan ġarrab ħsara kbira fil-kaxxa tiegħu, li għaliha taħti l-istess kumpannija mħarrka;

Illi għal din l-azzjoni l-kumpannija mħarrka laqgħet billi qalet li hija ma taħti xejn għal dak li ġara minħabba li hija kienet għadha ma assumietx responsabbilta' tat-trakk x'ħin seħħ l-inċident u wkoll minħabba li ma kinitx marbuta taħt it-termini tal-polza ta' kariku;

Illi, mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-kumpannija attriċi tagħmel iż-żebgħa u verniċi kemm għas-suq Malti u kif ukoll għal swieq barranin. F'Marzu tal-1996, hija bagħtet tagħbija żebgħa u verniċi fuq trakk tagħha reġistrat SRH005 biex titwassal Katanja bil-baħar. Għal dan il-vjaġġ, qabbdet lill-kumpannija Sea Malta, li magħha kienet issoltu taħdem fil-ġarr tal-merkanzija tagħha. Inħarġet polza ta' kariku dak inhar stess li l-merkanzija kellha titgħabba fuq il-bastiment[5]. Waqt li t-trakk mimli bit-tagħbija ta' żebgħa kien qiegħed jittalla' b'*lift* għall-gverta maħsuba fuq il-bastiment, inqaras u ġarrab ħsara fuq ġenb tal-kaxxa tiegħu. Jirriżulta li fuq l-istess bastiment ittellgħu erbatax-il (14) vettura oħra[6]. It-trakk tniżżel minn fuq il-bastiment u tħalla fuq il-moll, filwaqt li ġie spezzjonat minn *surveyor* imqabbad mill-

[5] Dok "A", f'paġ. 12 tal-proċess
[6] Dok "Ċ", f'paġ. 11 tal-proċess

kumpannija mħarrka[7] ftit qabel ma l-bastiment - l-*M.v. Żebbuġ* - salpa lejn Sqallija. L-għada[8], il-kumpannija attriċi kitbet lill-kumpannija mħarrka u żammitha responsabbli għal dak li ġara. Min-naħa tagħha, il-kumpannija mħarrka għarrfet bl-inċident lill-assikuraturi tagħha fl-14 ta' Marzu, 1996[9]. Fil-5 ta' Ġunju, 1996, infetħet il-kawża;

Illi <u>għal dak li jirrigwarda l-kwestjoni tar-responsabbilta</u>', irid jingħad minnufih li l-fatti kif seħħew ftit li xejn iħallu dubju x'ġara tassew. Irriżulta li t-trakk kien twassal mis-sid tiegħu (il-kumpannija attriċi) sal-moll biswit il-bastiment u minn hemm tgħabba fuq il-bastiment wara li nsaq minn impjegat tal-kumpannija mħarrka stess[10]. Il-ħsara seħħet meta t-trakk kien qiegħed jitgħolla b'*lift* tal-bastiment lejn il-gverta li kien sejjer jinġarr fuqha matul il-vjaġġ. Jidher li kienet kundizzjoni tal-kumpannija mħarrka li ttella' t-trakk hi fuq il-bastiment tagħha[11]. Hemm xi ftit nuqqas ta' qbil dwar x'seta' seħħ tassew biex it-trakk ġarrab dik il-ħsara, u dan billi mir-rapport tas-*surveyor*, ma deherx li t-tagħbija fuq ġewwa kienet xaqilbet jew imqar ġarrbet ħsara;

Illi l-kumpannija mħarrka tisħaq li ma kellha l-ebda responsabbilta' għal dak li seħħ u għal dan tistrieħ fuq xi dispożizzjonijiet jew klawsoli tal-polza ta' kariku in kwestjoni. Hija tirreferi wkoll għal klawsola ta' eżoneru partikolari dwar ir-riskju tal-operazzjoni ta' tagħbija u ħatt. Fuq dan l-argument hija ssoktat tressaq sottomissjonijiet finali u semmiet il-kwestjoni tal-qsim tar-responsabbilta' fl-operazzjonijiet ta' tagħbija u ħatt. Ħarsa b'reqqa għad-dokument[12] li fuqu l-kumpannija mħarrka tibni t-teżi tagħha tal-ħelsien mir-responsabbilta', madankollu, turi li dik il-kopja m'għandha x'taqsam xejn mal-vjaġġ li fih it-trakk ġarrab il-ħsara. Jidher li dik il-kopja tirreferi għal xi vjaġġ li sar qabel minn Sqallija għal Malta b'bastiment ieħor. Fil-kopja tal-polza ta' kariku li nħarġet dwar il-vjaġġ li kellu jsir bit-trakk dak inhar tas-6 ta' Marzu, 1996, ma

[7] Dok "D", f'paġġ. 14-5 tal-proċess
[8] Dok "Ġ", f'paġ. 20 tal-proċess
[9] Dok "F", f'paġ. 19 tal-proċess
[10] Ara x-xhieda ta' Carmel Azzopardi 14.2.2001, f'paġ. 72
[11] Ara xhieda ta' Gregory Brincat 21.6.2000, f'paġġ. 50-1 tal-proċess
[12] Dok "B", f'paġ. 13 tal-proċess

tniżżlet l-ebda klawsola ta' eżoneru speċifika kif qegħda tallega l-kumpannija mħarrka;

Illi huwa mgħallem li "*Where a shipper's goods are damaged by the stevedores during the loading, the shipper is entitled to damages from either the shipowner or the charterer, according to who was the stevedores' master*"[13]. Jirriżulta li n-nies imqabbdin biex isuqu t-trakk għal fuq il-bastiment u dawk li ħaddmu l-*lift* tal-bastiment li bih it-trakk kien qed jittella' fuq il-gverta kienu kollha imqabbdin mill-kumpannija mħarrka. Minbarra dan, huwa prinċipju wkoll taħt il-liġi dwar il-ġarr tal-merkanzija bil-baħar[14] li "*stevedores are the ship's servants, and the shipowner or charterer, as the case may be, is vicariously liable for damage done by stevedores. Of course, owner or charterer may claim indemnity from the stevedore firm. ... A term found in the charterparty providing whose servants, owners' or charterers', the stevedores are to be, only operates between the parties to the charterparty, and does not bind strangers*"[15]. Għalhekk, minkejja l-isforzi tagħha biex ixxellef ir-responsabbilta' minn fuqha għal fuq il-burdnara, il-kumpannija mħarrka ma seħħilhiex tipprova l-allegazzjoni tagħha li hija ħielsa mill-ħtija għal dak li ġara;

Illi, b'żieda ma' dan, il-kumpannija mħarrka tagħmel riferenza għal żewġ klawsoli oħrajn tal-polza ta' tagħbija biex tipprova ġġib fix-xejn l-azzjoni attriċi. Fl-ewwel lok, issemmi l-klawsola 7 tal-polza, u fit-tieni lok issemmi l-klawsola 5. B'tal-ewwel, jidher li hija trid li twaqqa' l-azzjoni attriċi billi tgħid li din ma tressqitx f'waqtha. B'tat-tieni jidher li trid li jitqies li tapplika għaliha dispożizzjoni ta' eżoneru. Dan kollu qiegħed jingħad xi ftit fl-għama, minħabba li l-kumpannija mħarrka naqset (minkejja l-ordni li kienet ingħatatilha mill-Qorti) li tressaq kopja sħiħa awtentikata tal-polza ta' tagħbija li kienet tirregola l-każ partikolari;

---

[13] Ridley <u>The Law of the Carriage of Goods by Land, Sea & Air</u>, (5th. Edit.) paġ. 124
[14] Ara Kap. 140
[15] Chorley & Giles <u>Shipping Law</u> (6th. Edit.) paġ. 248

Illi jekk kien hemm xi terminu fil-polza li jorbot lill-kumpannija attriċi biex tressaq talba tagħha f'dak iż-żmien, kien obbligu tal-kumpannija mħarrka li tipprova li dak it-terminu laħaq għadda qabel ma tressqet il-kawża. Minn dan kollu, il-kumpannija mħarrka m'għamlet xejn u lanqas biss għamlet sottomissjonijiet dwarha fit-trattazzjoni tal-aħħar. Minbarra dan, kif sewwa issottometta l-abbli difensur tal-kumpannija attriċi, lanqas kienu għaddew tliet xhur minn meta kien seħħ l-inċident qabel ma nfetħet il-kawża;

Illi dwar in-nuqqas ta' responsabbilta', il-kumpannija mħarrka tagħmel riferenza għall-*Clause Paramount* u kif ukoll għall-klawsola 5 tal-polza tat-tagħbija. Naturalment, l-applikabilita' tal-Hague-Visby Rules għall-polza ta' tagħbija in partikolari ma tistax titwarrab. Imma hawnhekk ukoll il-kumpannija mħarrka ma fissret xejn b'liema mod hija setgħet inħelset mir-responsabbilta' għal dak li ġara hu u jitgħabba t-trakk tal-kumpannija attriċi fuq il-bastiment tagħha. Ma ħarġet lanqas ħjiel ta' raġuni jew ċirkostanza skużabbli li bis-saħħa tagħha l-Qorti tista' teħlisha mill-ħtija. La dan m'għamlitux il-kumpannija mħarrka meta kien jaqa' fuqha li tipprovah, m'huwiex kompitu tal-Qorti li tipprova tfittex hi fejn setgħet kienet iċ-ċirkostanza tal-eżoneru;

Illi, b'żieda ma' li kien ingħad qabel, il-Qorti tasal għall-fehma li l-kumpannija mħarrka waħedha taħti għall-inċident li seħħ fuq il-bastiment tagħha u ta' dan trid tagħmel tajjeb lill-kumpannija attriċi. L-ewwel talba attriċi hija għalhekk mistħoqqa;

Illi għal dak li jirrigwarda <u>l-kwestjoni tad-danni mġarrba</u>, jidher li l-ħsara li ġarrab it-trakk tal-kumpannija attriċi kienet effett dirett tal-għamil li tiegħu trid twieġeb il-kumpannija mħarrka. Dan jixhdu wkoll id-dokument mibgħut mill-kumpannija mħarrka lill-assikurat tagħha fejn jingħad mingħajr tlaqliq "*the above-mentioned truck was heavily damaged during loading whilst it was being lifted on deck*"[16]. Li l-ħsara kienet ta' ċerta entita' joħroġ ukoll

[16] Ara paġ. 19 tal-proċess

mis-*survey report*[17]. Jidher li l-istima oriġinali mressqa mill-kumpannija attriċi kienet dik ta' qrib tlitt elef lira Maltin. Is-*surveyor* jgħid li xi jiem qabel, il-kumpannija attriċi kienet bagħtitlu stima tal-ħsara li ġarrbet il-kaxxa tat-trakk;

Illi, madankollu, matul is-smigħ tal-kawża ħareġ[18] li l-kumpannija attriċi biegħet it-trakk kif kien bil-ħsara b'kollox. Dan il-fatt ixekkel xi ftit il-proċess ta' likwidazzjoni ta' danni, għaliex ma jippermettix li jsir eżami preċiż tad-dannu mġarrab mill-kumpannija attriċi. Hija ħaġa ċerta li ladarba l-kumpannija attriċi għażlet li ma tidħolx fl-ispejjeż u ssewwi t-trakk mill-ħsara li kellu, ma tistax tistrieħ iżjed fuq l-istima li ngħatatilha dwar id-dannu kawżat. Id-dannu mġarrab irid ikun wieħed attwali u mhux ipotetiku;

Illi dik il-ħsara effettwat il-prezz li sata' jġib it-trakk mibjugħ fil-kundizzjoni li kien, imma dan isir biss wieħed mill-fatturi tat-telf u mhux il-kwantifikazzjoni tat-telf innifsu. Iċ-ċifri li jissemmew mir-rappreżentant tal-kumpannija attriċi huma approssimativi għall-aħħar. Jidher li sa ma nbiegħ it-trakk, kien ilu ftit aktar minn sena u nofs fuq it-triq li minnhom għamel qrib sitt (6) xhur ma jintużax wara l-inċident. Il-prezz tal-bejgħ kien ta' anqas minn nofs tas-somma li kien inxtara;

Illi jekk wieħed jieħu in konsiderazzjoni d-deprezzament li jitqies li kull vettura maħruġa fuq it-triq iġġarrab, u jnaqqas mis-somma riżultanti l-prezz li bih it-trakk inbiegħ[19], dan iwassal għall-ammont ta' bejn wieħed u ieħor ta' elfejn mija u erbgħin lira Maltija (Lm 2140). Dan jidher li huwa l-ogħla telf li l-kumpannija attriċi tista' turi li soffriet dwar it-trakk in partikolari. Ma nġabet l-ebda prova ta' xi dannu ieħor li hija setgħet batiet. Ladarba kien jaqa' fuqha li tipprova kif imiss id-dannu li tgħid li ġarrbet, fin-nuqqas ta' prova oħra l-Qorti toqgħod biss fuq dak li seta' rriżulta mill-atti;

[17] Li jidher li ħareġ fid-29 ta' Marzu, 1996
[18] Ara x-xhieda ta' Gregory Brincat 21.6.2000, f'paġ. 53 tal-proċess
[19] Lm 5800 – Lm 1160 = Lm 4640 – Lm 2500 = Lm 2140

Illi, fid-dawl ta' dan kollu, għalhekk, il-Qorti qegħda tillikwida d-dannu mġarrab mill-kumpannija attriċi fis-somma ta' elfejn mija u erbgħin lira Maltin;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li **tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha** tal-kumpannija mħarrka bħala mhux mistħoqqa u bl-ebda mod pruvati;

**Tilqa' l-ewwel talba** attriċi u tiddikjara lill-kumpannija mħarrka waħedha ħatja tal-inċident li seħħ fuq il-bastiment tagħha *M.v. Żebbuġ* nhar is-6 ta' Marzu, 1996, tard wara nofsinhar, meta ikkawżat ħsara fit-trakk reġistrat SRH005, tal-kumpannija attriċi, hu u jittella' fuq l-imsemmi bastiment, u għalhekk responsabbli li tagħmel tajjeb għall-ħsara mġarrba mill-kumpannija attriċi;

**Tilqa' t-tieni talba** attriċi u tillikwida l-ħsara mġarrba mill-kumpannija attriċi fl-ammont ta' elfejn mija u erbgħin lira Maltija (Lm 2140);

**Tilqa' t-tielet talba** attriċi u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas is-somma msemmija lill-kumpannija attriċi bħala danni likwidati; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka tħallas l-ispejjeż tal-kawża, magħduda dawk tal-ittri interpellatorji u l-imgħax legali fuq l-imsemmija somma millum sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------